MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-2 ta' Diċembru, 2003

Numru 623/2003

Il-Pulizija
(Sp Edel mary Camilleri)
vs
Raymond Gatt, iben Paul, imwieled
Bormla fl-20 ta' ġunju, 1958

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli fl-4 ta' ġunju, 2003 u fi żminijiet preċedenti f'dawn
il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, approprja ruħu, billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra s-somma ta' Lm5,435.98 liema somma ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd
tal-ħaġa jew li jsir użu minnu speċifikat u dan għad-dannu ta' Vernon's Food manufacturing & Trading Limited.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' diċembru, 2003 tal-'parte civile' fejn infurmat
il-Qorti li l-ammont kollu dovut jinsab fil-pussess tas-soċjeta' kwerelanti.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' diċembru, 2003 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat tal-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fedina penali netta ta' l-imputat u il-fatt li ħallas lura dak kollu dovut. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bla kondizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------